# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

**Nru. 18** **MEJJU - ĠUNJU, 1966**

## IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

### TIĠDID SPIRITWALI FI KNISJA ĠDIDA

Din hi l-ewwel darba li qed nindirizzakom fuq *Leħen il-Parroċċa* bħala Kappillan tagħkom. Għalhekk xtaqt li mill-ewwel inpoġġi quddiemkom il-programm tiegħi, li kif għidtilkom f'okkażjonijiet oħra huwa miġbur f'dan il-motto: "Tiġdid Spiritwali fi Knisja ġdida".

Dan huwa l-ewwel skop tiegħi: li kull parruċċan ta' San Ġiljan jiġġedded fil-ħajja spiritwali tiegħu: f'kelma oħra jgħix fil-grazzja t'Alla. Programm vast u iebes, imma jekk jinħadem biċċa biċċa u bil-mod iħalli l-frott tiegħu.

Qegħdin bħal issa fix-xahar tal-Madonna, u matul dan ix-xahar qiegħed jingħad kull filgħaxija r-Rużarju f'xi triq tal-parroċċa tagħna. Ser ngħalqu dan ix-xahar b'pellegrinaġġ kbir bil-mixi għall-Knisja l-ġdida ta' St. Andrew's. Dawn huma l-mezzi prattiċi li qed noffrulkom biex nilħqu dan l-iskop. Nixtieq–u li tikkooperaw, avolja bi ftit sagrifiċċju, ma' dawn l-inizjattivi tagħna. Imbagħad għandna l-festi ta' Korpus u tal-Qalb ta' Ġesù li fihom isiru l-purċissjonijiet tant devoti meta Ġesù Sagramentat joħroġ mill-Knisja u jgħaddi mit-toroq tagħna. Dawn huma okkażjonijiet fil-ħajja tal-parroċċa li fihom wieħed għandu flok ma jaqbad il-karrozza u jmur il-baħar, jaqbad il-ġlekk u jiġi jikkumpanja wara Ġesù Sagramentat. Hekk inkunu qegħdin nieħdu sehem fil-ħajja tal-parroċċa. U hekk inkunu qegħdin nieħdu ftit ħsieb tal-ħajja ta' ruħna. Mhux quddiesa nhar ta' Ħadd, u biżżejjed. Dan hu l-minimum, kemm ma nagħmlux dnub mejjet. Biex ngħixu l-ħajja tal-grazzja, irridu aktar sforzi min-naħa tagħna.

It-tieni parti tal-programm tiegħi bħala Kappillan ta' din il-parroċċa huwa l-knisja l-ġdida. Kemm nhewden fuqha, u kemm nixtieq naraha lesta! Ħafna jistaqsuni meta ser tkun lesta. Jiena ngħidilhom xi sentejn oħra. Imma f'qalbi nkun qed nispera li ser inlestuha qabel. Issa dalwaqt tkun lesta mill-bini: sa San Ġiljan tkun imsaqqfa kollha. Imbagħad l-affarijiet li jibqa' jistgħu jsiru fl-istess żmien. Ħaġa waħda biss jonqosna. Tafu x'inhi, m'hemmx bżonn ngħidilkom. Imma jiena naf li kulħadd jgħin ruħu, u bħalma naħdmu u nitħabtu biex insebbħu d-djar tagħna, xejn anqas ma għandna naħdmu u nissagrifikaw irwieħna biex ikollna Knisja kif jixraq.

Inselli għalikom u nagħtikom il-barka tiegħi.

IL-KAPPILLAN.

---

## NIFIRU LILL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA

16. 4. 66 Servolo Micallef (B'kara) ma' Lonza Xiberras (San Ġiljan).
1. 5. 66 John Mansueto (Valletta) ma' Helen Xiberras (S. Ġiljan).

## X'SER IKOLLNA F'MEJJU U F'ĠUNJU

*29 ta' Mejju:* Għid il-Hamsin. Jum il-morda għall-Missjoni. Bħal snin oħra fis-7.30 p.m. nagħmlu l-funzjoni fil-ġonna ta' l-isptar Blue Sisters, biex il-morda jingħaqdu magħna u nitolbu flimkien għall-Missjonijiet.

*31 ta' Mejju:* Nagħalqu x-xahar ta' Mejju b'pellegrinaġġ kbir parrokkjali għall-Knisja l-ġdida ta' St. Andrew's. Fis-6.30 p.m. nitilqu minn Spinola Bay (ħdejn il-Qalb ta' Ġesù) bil-mixi. Malli naslu, Quddiesa u diskors ta' l-okkażjoni mill-Kappillan. Ma jkunx hawn quddiesa filgħaxija fil-Parroċċa u lanqas fil-Kunċizzjoni.

*5 ta' Ġunju:* Pellegrinaġġ għall-Madonna ta' Pinu, Għawdex. Nitilqu fis-6.15 a.m. u naslu lura San Ġiljan f'xi s-7.00 p.m. Aħsbu kmieni għall-biljeti billi nkunu rridu nirranġaw għall-Privates. Prezz 9/-.

*9 ta' Ġunju:* Korpus. Fit-8.00 a.m. Quddiesa Kantata u wara purċissjoni li tgħaddi minn St. Angelo, St. Elia u Carmel Streets. Fil-5.30 p.m. Għasar, Paneġirku, Quddiesa u wara purċissjoni solenni li tgħaddi minn St. Angelo Str., Birkirkara Hill, Main Street, Spinola, Lapsi Str. In-nies li joqogħdu fit-toroq minn fejn jgħaddu l-purċissjonijiet huma mitluba li jżejnu xi ftit u jixgħelu l-galleriji biex Ġesù Sagramentat ikollu laqgħa xierqa.

*12 ta' Ġunju:* Festa ta' Sant'Antnin, Patrun taċ-Ċirkolu tal-Ġuvintur tal-Parroċċa tagħna. L-Erbgħa, il-Hamis u l-Ġimgħa qabel il-festa fis-6.15 p.m. ikun hemm Ružarju u priedka. Il-Hadd fit-8.00 a.m. Quddiesa Kantata u filgħaxija fil-5.30 p.m. Għasar, Paneġirku; u fis-6.30 p.m. Quddiesa letta.

*19 ta' Ġunju:* Festa tal-Qalb ta' Ġesù. Programm bħal ta' Korpus barra l-purċissjoni ta' filgħodu.

*26 ta' Ġunju:* Preċett tat-tfal subien. Fis-7.30 a.m. it-tfal flimkien mal-ġenituri jiltaqgħu ħdejn il-Knisja l-ġdida, minn fejn jitilgħu f'Korteo għall-Parroċċa għall-Quddiesa tal-Preċett fit-8.00 a.m. Nixtiequ li l-ġenituri jitqarbnu mat-tfal f'din l-okkażjoni.

Fil-5.00 p.m. Tombola fis-St. Julian's Hall. Ejjew. Tieħdu pjaċir. Tistgħu tirbħu xi ħaġa u tkunu qegħdin tgħinu l-bini tal-Knisja l-ġdida.

*29 ta' Ġunju:* L-Imnarja. Preċett tat-tfal bniet. L-istess programm bħal tas-subien.

*N.B.* — Ngħarrfu li l-Griżma ta' l-Isqof ser issir fl-10 ta' Lulju fil-5 p.m.

## MINN 75 SENA 'L HAWN — (3)

L-ewwel Reġistru tal-Magħmudijiet li jinsabu fl-Arkivju Parrokkjali tagħna, jaqta' fil-għadd 1,332. F'dan iż-żmien insibu bħala Vigarju Kurat lil Dun Ġiljan Zammit. L-aħħar magħmudija tal-Kappillan Dun Ġużepp Scerri hija l-għadd 1,331, fit-23 ta' April, 1897.

Sa mill-għada stess ta' din il-magħmudija, insibu magħmudija oħra taħt l-isem ta' Dun Ġiljan Zammit. Imbagħad mit-12 ta' Diċembru, 1897, insibu lil DUN ĠILJAN ZAMMIT D.D., bħala KAPPILLAN tal-Parroċċa tagħna. Huwa dam Kappillan tagħna sas-7 ta' Jannar, 1904.

Fis-sagristija tagħna, insibu ritratti biż-żejt tal-Kappillan tagħna Dun Ġiljan Zammit, kif ukoll dak ta' Dun Ġużepp Scerri.

## MULEJ AGHTIHOM IL-MISTRIEH TA' DEJJEM

| | | | |
|---|---|---|---|
| 15. | 3. | 66 | Mose' Azzopardi (81 sena) ta' St. Andrew's Junction. |
| 19. | 3. | 66 | Ġanna Mamo (76 sena) ta' 98, B'kara Hill. |
| 9. | 4. | 66 | Antonio Debono (70 sena) ta' 158, B'kara Road. |
| 20. | 4. | 66 | Maria Spiteri (48 sena) ta' 66, Spinola Road. |
| 26. | 4. | 66 | Rosa Agius (75 sena) ta' 50, Old College Street. |

Nagħtu l-għomor lill-familji tagħhom.